



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ (TNA)

Tip ta' prattika: Prattika Promettenti
Belġju

Pajjiż: Il-

Titlu tal-prattika	Analiżi tan-Nuqqasijiet fit-Taħriġ
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Fil-Belġju, l-Istitut tat-Taħriġ Ġudizzjarju żviluppa tabella ta' kompetenzi għall-użu fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ fil-livell operattiv.</p> <p>Inizjalment, inġabru l-fehmiet tal-presidenti tal-qorti u tal-prosekuturi ewlenin fir-rigward tal-kompetenzi attwali u futuri tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti li jaħdmu fil-qrati jew l-uffiċċji tagħhom.</p> <p>Imbagħad il-Ministeru tal-Ġustizzja Belġjan u l-Kunsill tal-Ġustizzja Superjuri ntalbu jivvalutaw dawk il-livelli ta' kompetenza mistennija. Wara dan, fuq il-bażi ta' dawn l-istandards tal-kompetenzi, l-Istitut tat-Taħriġ Ġudizzjarju qabbel il-kompetenzi kurrenti mal-kompetenzi meħtieġa. Ir-riżultat ta' din l-analiżi tista' tiżvela nuqqas li jiddetermina fuq liema oqsma partikolari għandu jiffoka t-taħriġ.</p> <p>Il-pjan jipprevedi li din l-analiżi għandha ssir matul l-erba' / ħames snin li ġejjin.</p>
<i>Detalji kuntatt tal-istituzzjoni</i>	Judicial Training Institute (IGO/IFJ) Avenue Louise 54 1050 Brussels Belgium Telefown: + 32 2 518 49 49

	<p>Faks: + 32 2 518 49 79 E-mail: info@igo-ifj.be Sit elettroniku: http://www.igo-ifj.be</p>
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>Għalkemm kull istituzzjoni ta' taħriġ għall-ġudikatura fl-UE implimentat is-sistema tagħha biex taċċessa l-bżonnijiet ta' taħriġ, inġabru xi ideat partikolarment interessanti waqt li kien qed isir dan l-istudju.</p> <p>Din tista' titqies bħala PRATTIKA PROMETTENTI li jistħoqqilha li tiġi segwita mill-qrib.</p> <p>Ġie nnutat ukoll li l-aspetti pożittivi ta' din il-prattika huma relatati mal-livell ogħla ta' involviment tal-Presidenti tal-Qrati u l-Prosekuturi Ewlenin fil-proċess tal-valutazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ li issa qed jitpoġġew fil-livell sistemiku organizzattiv (l-uffiċċji tal-qrati u tal-prosekuzzjoni).</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)